Kunsill Lokali Marsaskala
Ġnien Sant'Anna, Pjazza Dun Tarċis Aguis, Marsaskala
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala

ID-DISA` LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 31

It-Tnejn 26 t'Ottubru 2026.

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta ġewwa l-uffiċini tal-Kunsill fis-5.00 ta' filgħaxija u mxandra fuq il-website tal-Kunsill.

PREZENTI:

Mario Calleja – Sindku
Patrick Camilleri-Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Francis Gilford – Kunsillier
Jesmond Abela - Kunsillier
Errol Cutajar – Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
Janice Falzon – Viċi Sindku
Jesmond Attard - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Beverly Saliba – Kunsillier
Celine Camilleri – Kunsillier

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREZENTI:

Josef Grech – Segretarju Eżekuttiv

31.1 ***Qari t'aploġija:***

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech ippreżenta zewġ ittri ta apoloġija tas-Sinjura Beverly Saliba u s-Sinjura Celine Camilleri.

31.2 ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti: Laqgħa 30 li saret Nhar l-Erbgħa 23 ta' Settembru 2026:***

31.2.1 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi f'paġna 6 artiklu 30.3.7 paragrafu 2 għanda tinbidel u issir kif ġej:

''Huwa kompla jispjega illi wara is-seduta li attenda hu kien hemm seduta oħra tar-Reġjun fejn attenda il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud u għalkemm il-Kunsillier Charlot Mifsud ma ħax deċiżjoni ir-Reġjun infurmawh li ħadu deċiżjoni illi kuntratt ser jiġi mġedded.''

31.2.2 Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 6 artiklu 30.3.7 fejn għandha titranġa l-kelma Sindku fil-bidu tal-paragrafu kif ukoll paġna 7 artiklu 30.3.8 fejn għandha tittranġa l-kelma **"kiteb".**

31.2.3 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 7 artiklu 30.3.13 fejn fl-aħħar sentenza trid tittranġa l-kelma **"tifħir",** kif ukoll paġna 7 artiklu 30.3.16 għandha tittranġa l-kelma **"residenti"**.

Il-minuti ġew unanimament approvati hekk kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja ippropona l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati bħala dokument korrett u ssekonda l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

31.2.2 **Matters Arising tal-Minuti: Laqgħa 30 li *saret Nhar l-Erbgħa 23 ta' Settembru 2026*:**

31.2.2.1 Ma kienx hemm matters arising.

31.3 ***Kommunikazzjoni mis-Sindku:***

31.3.1 **Dawl dekorattiv tal-Milied:**

Is-SIndku s-Sur Mario Calleja qal illi d-dawl tal-Milied jikkonsisti f'dak tal-ġnien u tat-toroq. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-applikazzjoni Attivita' tal-Milied applikajna għal spejjez ta' madwar Eur21,000 izda se ninghataw mhux aktar minn €12000 filwaqt + li irridu noħorġu 15% u li ser ningħataw €2000 mir-Reġjun. Is-Sindku qal illi naqqasna l-ispejjez fuq l-istalls u li ser jipprova jasal sa nfiq ta €16,000 għal din l-attivita' . Ser issir laqgħa propju għal din l-attivita' bejn is-Sindku u il-Kunsilliera Charlot Mifsud, Jesmond Abdilla u s-Sur Jesmond Abela biex jikkordinaw din l-attivita'.

31.3.2 **Data tal-Laqgħa Pubblika:**

Kien hemm qbil li l-laqgħa pubblika ssir fid-19 ta' Novembru fil 5:30pm u wara issir ukoll il-laqgħa tal-Kunsill Nru 32.

31.3.3 **Proposal of the repurposing of slipway at Marsaaskala and redeveloping into berthing facilities for loading and unloading:**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi irċivejna korrispondenza minn TM fejn infurmawna li rċivew diversi ilmenti minn sajjieda f'Marsaskala fejn m'għandhomx post adekwat sabiex imexxu l-ħut minn fuq id-dgħajjes għal ġol vettura u indikaw zona li jħossu li hi tajba sabiex isir dan.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi ma jħossx li l-Kunsill għandu jieħu deċizjoni favur din il-proposta.

Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Abela qal illi irridu nieħdu ħsieb anke l-parkeġġi u x'se jsir minnhom jekk tiġi approvata din il-proposta.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi f'Marsaskala hawn madwar tmien sajjieda full time.

Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Abela qal illi dawn li għandhom bastimenti kbar huma biss tnejn.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi tajjeb li kkonsultaw magħna però m'għandniex inkunu aħna li napprovaw dan il-progett. Kien hemm qbil unanimu li ma naqblux ma dan it-tibdil propost.

31.3.4 **Prize Day:**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi il-prize day tal-iskola ser issir fil-11 ta' Diċembru 2026 u saqsew jekk il-Kunsill hux ser iħallas is-somma ta' €454.31 għax-xiri ta' kotba.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

31.3.5 **PA/07388/26 201, Ċervjola Hotel Triq il-Qaliet Marsaskala proposed demolition of exisiting hotel and propopsed construction of class 3B 4 star Hotel:**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hemm applikazzjoni sabiex taqa l-lukanda Ċervjola u tinbena mill-ġdid pero wara li ndaga mas-sidien ġie stabbiliet li huma reġgħu applikaw sabiex iġeddu u ma jaqax il-permess.

Il-kunsill osserva li se jkun hemm sular wiehed biss taht l-art u li mhux se jkun hemm parkeggi.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi jekk din hija zona li tista tibni lukanda sskond il-liġi ma jsibx problema.

Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni ghal din l-applikazzjoni li tinvolvi twaqqiegh u il-bini mil-gdid ta' din il-lukanda skond l-applikazzjoni proposta.

31.3.6 **Write off KLM 0011155 microwave customer care:**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi qed jippreżenta write off ta' microwave tal-customer care għaliex m'għadux jaħdem.

Kien hemm qbil unanimu.

31.3.7 **Stedina lill-Kunsill Lokali biex jippromowvu l-attivitajiet tagħhom fuq TVM waqt il-programm mill-Pjazza tar-raħal (35/3492/26/I):**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu tkellem ma sħabu s-Sindki u mhux kulħadd konvint għaliex jidher li l-promozzjoni tgħid ħaġa mbaghad tiskopri li hemm ħafna aktar xi jsir.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi din tiġi tiswa daqs attività tal-Kunsill ghaliex ra l-attivita' f'lokalitajiet ohra u tinvolvi gazebos u provista ta' dawl ecc.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi kull attivita' tinvolvi spejjez u allura irridu noqgħodu attenti mill-finanzi.

Kien hemm qbil unanimu illi s-Sindku s-Sur Mario Calleja jiltaqa' mar-rapprezentanti ta' din l-inizjattiva u jara eżatt x'inhuma r-rekwiziti.

31.3.8 Support for venue search for art lessons (35/3464/26/I):

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-Kunsill qatt ma aċċetta meta għalliem/a tiġi tutilizza l-premises tal-Kunsill u jieħu flus lir-residenti u dan propju huwa kaz minnhom.

Kien hemm qbil li l-Kunsill ma jaċċettax din il-proposta.

31.3.9 PA/00437/23 Environmental impact assessment fir-rigward tal-izvilupp eks Jerma:

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-izviluppaturi kienu ilhom bosta snin jitfgħu applikazzjonijiet fil-PA u qatt ma ġew approvati. Ftit tas-snin ilu il-propjetarji flimkien mall-Perit kienu ġew fil-laqgħa annwali u kienu urewna is-sensiela sħiħa ta' permessi li ġew rifjutati però fit- 2023 il-PA kienet ippreparat id-Development brief tal-Jerma liema Development Brief kienet ġiet approvat anke fil-parlament Malti.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi kien ġie approvat anke mill-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi dak iz żmien kien development brief issa qed imexxuh sabiex ikun hemm l-approvazzjoni finali tal-PA u waħda mir-rekwiziti hija li jsir environmental impact assesment u dawn obbligati sabiex iqabbdu kumpanija privata f'dan il-kas AIS sabiex jgħamlu dan u jekk hemm xi kummenti jistgħu jaghmluhom għaliex din hija informazzjoni pubblika.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef grech qal illi jekk dawn ma bidlu xejn mill-proposta li kienu għamlu m'għandux ikun hemm problemi però il-kunsill se jkolli cans ukoll jissottometti kummenti waqt li tintefa l-applikazzjoni.

Il-kunsill lokali ta' Marsaskala ma kellu l-ebda kumment fir-rigward tal-EIA sottomess ghal dan l-izvilupp.

31.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera:

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

31.5 Rapporti:

31.5.1 Rapport ta' kull kwart 3 (Lulju sa Settembru):

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech ppreżenta r-rapport finanzjarji għal kwart Lulju sa Settembru 2026 .

Il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud ipproponiet l-approvazzjoni ta dan ir-rapport u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

31.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:

Ma kienx hemm items oħra.

31.7 Korrispondenza:

31.7.1 Support for venue search for art lessons:

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi dan il-punt diġa ġie diskuss fis-sezzjoni 31.3.

31.7.2 Pillars (35/3365/26/I):

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-Kunsillier Dr Patrick Camilleri qiegħed jipproponi li issir charging pillar f'Bellavista pero' l-Kunsill kien diġa bagħat lista shiħa ta' postijiet fejn jixtieq li jsiru dawn il-pillars.

Sar qbil li naraw jekk Bellavista hux imnizzla mal-lista jekk le nipproponuha bhala addizjonali mal-lista ezistenti.

31.7.3 Photo and site location (35/3366/26/I):

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi kellu laqħa mas-Sur Jude Zammit li huwa d-direttur Generali tal-maintenance and cleansing division fejn dan għazel lilna flimkien mal-Kunsill tal-Gzira u l-Imsida fejn offrilna smart bins.

Dawk huma bħal BIS fejn ikollhom inkorporat sensor u awtomatikament jibgħatu messaġġ li ntlew u jistgħu jiġu installati underground kif ukoll fuq il-bankina pero' ikun aħjar jekk ikunu above ground. Ir-resident irid ikollu card u jkun jista jarmi l-iskart li ma jkunx ser jinġabar fil-ġurnata.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi din ser tkun bil-cameras għalhekk iħoss li jkun post tajjeb li jsiru that il-bandli ta' Zonqor flok il-BIS li kien hemm u dawn jifilħu ħafna aktar skart għaliex l-iskart jigi ippressat.

- ***Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri daħal għal laqgħa fis-18:15.***

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-ikbar ilmenti li għandna huma dwar l-iskart għalhekk tajjeb li issa li għandna iċ-ċans nipprovaw insolvu ftit mill-problema.

Kien hemm qbil unanimu li jigu installati bi prova.

31.7.4 Ombudsman Case No OMB26-8024:

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi rċivejna l-opinjoni finali tal-Ombudsman rigward kaz li kien seħħ fl-2025 fejn il-punt finali kien illi għalkemm il-Kunsill ikontesta il-kredibilita tat-tkissir tal-windscreen izda l-fatt li ma kienx hemm tabella li tindika li ġejja sleeping policeman il-Kunsill ma kienx ikontesta dwarha.

Kien hemm qbil unanimu li jitħallsu id-danni la darba ħarġet din ir-rakkomandazzjoni min-naħa tal-Ombudsman.

31.7.5 Attivitajiet tal-Kunsill Lokali fl-2027:

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi din hi l-inizjattiva tar-Reġjun sabiex il-Kunsill jista jirriklama l-attivita' tiegħu pero jħoss li l-ammont huwa għoli ħafna.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi l-pakkett xtrah ir-Reġjun għalhekk il-Kunsill mhux ser iħallas xejn.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja skuza ruħu għaliex fehem ħazin din il-korrispondenza.

Kien hemm qbil unanimu li nirriklimaw l-event tal-Milied Skaliz tas-sena d-dieħla sabiex jippromovuh.

31.7.6 Request to replace speed bump with advanced warnings signs and yellow bar markings at Triq La Sengle Marsaskala (35/3484/26/i):

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi min naħa ta' TM qed jinfurmawna illi din l-ispeed bump reġgħet ġiet evalwata u qed jinfurmawna li din għandha tinbidel skond id-dimenzjonijiet indikati fl-ittra minn TMalta kif ukoll isiru t-tabelli neċessarji.

Kien hemm qbil unanimu li tinbidel kif rikjest fejn il-wiesgħa tal-isleeping policeman tizdied għal iktar minn tlett metri. Il-Kunsill għandu jistaqsi jekk TM tistax tirrakkomanda kuntrrattur biex jagħmel din l-isleeping policeman.

31.7.7 Laqgħa ma kumpanija Ġermaniza tal-films biex tiġbed film f'Marsaskala.

Is-Sindklu s-Sur Mario Calleja informal ill-Kunsill illi ġejna mgħotija donazzjoni bħal ma jsir dejjem.

31.7.8 Laqgħa ma kumpanija oħra tal-films Maltija.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi ser jintalab kumpens anke f'dan il-kaz.

31.7.9 Ċerimonja ċivili ta tieġ bejn Francesco u Graziella Panacea:

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja informal ill-Kunsill li ser ikun qed izewweġ lis-Sur Francesco u S-Sinjorina Graziella.

31.7.10 Laqgħa ma liaison officer rigward xogħlijiet li għaddejjin fil-prezent f'Marsaskala:

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu flimkien mal-Kunsillier is-Sur Gilford attendew għal din il-laqgħa fejn infurmawhom illi ma Triq il-Katakombi, Triq il-Likama, Triq il-Miġbħa u Triq il-Grigal ser isiru kollha mill-public works filwaqt li min-naha ta' Infrastructure Malta ser jinbeda ix-xoghol fuq it-tibdil tas-servizzi kollha fi Triq in-Nadur u it-toroq ta' maġenba liema xogħol mistenni jdum sitt xhur. Infurmawna wkoll li ser isir xoghol ta'kostruzzjoni estensiv gewwa Bella vista.

31.7.11 Diversi laqgħat mall-Kuntrattur tar-Rock cut fejn qed isir xogħol fi Triq il-Katakombi.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi tkellem mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet biex jitkomplew l-4 toroq li jmissu ma triq il-Katakombi li huma Triq il-Melħ, Triq il-Miġbħa, Triq il-Maqsab u Triq ix-Xehda.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hemm problema li għadha ma gietx solvuta fi Triq id-Dugħ fejn meta saret it-triq, culvert minnhom sar tal-konkos pero meta beda ġej l-ilma minn Triq iċ-Ċrieki bdew il-problemi fil-garaxx ta' dan il-persuna.

Is-Sgretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-culvert li kien hemm ghal tul ta snin kien sar bi hsieb u fil-mument li għalqu certu aperturi ta' culverts u caqalquhom ghal postijiet ohra bdew il-problemi. Huwa kien issugerixxa li l-aperturi kellhom jirritornaw ghal postijiet originali.

31.8 **<u>Kunsiderazzjonu u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti:</u>**

31.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta lista ta' pagamenti li daħlu b'urġenza.

a) Is-Sinjura Doreen Mintoff inv 26-034 li tammonta għal €1050.20

31.8.2 Il-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud issekondat. Il-votazzjoni kienet 9 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

31.9 **<u>Mozzjonijiet:</u>**

31.9.1 **<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja u issekondat mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud (Nru 073-6/10/26):</u>**

Wara diversi telefonati li jkollna mingħand ir-residenti li jċemplu l-Kunsill u ħafna drabi ma jaqbdux minħabba is-sistema tat-telephone installat fil-Kunsill nipproponi illi għanda nsibu sistema aktar effiċjenti biex ir-resident jkun moqdi aħjar.

Is-Segretarju Ezekuttiv informal ill-Kunsill illi l-messaġġi fuq il-messenger tal-Kunsill jibqgħu jidħlu u s-Sinjura Rebecca Micallef tirrispondihom matul il-weekend, hu qal illi qed isir ħafna xogħol mill-back office tal-Kunsill.

Kien hemm qbil unanimu li nipprovaw ninstallaw sistema aħjar fejn il-persuna tkun infurmata f'liema post qiegħda fil-kju ta telefonati filwaqt li nippublikaw mezz ieħor ta' komunikazzjoni permezz ta' Whatsapp li jkun reklamat fuq il-Facebook page tal-Kunsill.

31.9.2 **<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja u issekondat mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud (Nru 074-6/10/26):</u>**

Wara diversi ilmenti mingħand ir-residenti illi jiġu l-Kunsill biex iħallsu xi taħrika jew permess u ċekkijiet ma jiġux aċċettati u bilfors jridu jġibu il-cash, mhux darba jew tnejn li nibgħatu r-resident jew għand tal-ħaxix jew f'xi ħanut isarraf biex jinqeda u din mhux aċċettabbli. Wasal iż-żmien li ndaħħlu l-epos machine.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-Kunsill ser ikollu jħallas ic-charges għal dan is-servizz pero wasal iz-zmien u l-bzonn li tittieħed din id-deċizjoni.

Kien hemm qbil unanimu li issir l-EPOS ghal servizzi ta' hlas kollu minbarra il-permessi tal-kunsill.

31.10 **<u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss:</u>**

Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fis-6:45pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar il-Ħamis 19 ta' Novembru 2026 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 26 t'Ottubru 2026.

IFFIRMAT ***IFFIRMAT***

_____ **_____**

Josef Grech **Mario Calleja**
Segretarju Ezekuttiv **Sindku**